

Il-Ħamis, 29 ta' Marzu 2007

P6_TA(2007)0092**Statistika strutturali kummerċjali ***I**

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tad-29 ta' Marzu 2007 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar statistika strutturali kummerċjali (COM(2006)0066 — C6-0063/2006 — 2006/0020(COD))

(Proċedura ta' kodeċiżjoni: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2006)0066) (¹),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2) u l-Artikolu 285(1) tat-Trattat KE, skond liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C6-0063/2006),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A6-0062/2007),
1. Japrova l-proposta tal-Kummissjoni kif emadata;
 2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tikkonsultah jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sus-tanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

(¹) Għadha mhix ippubblikata fil-ĠU.

P6_TC1-COD(2006)0020

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fid-29 ta' Marzu 2007 bil-ħsieb ta' l-adoz-zjoni tar-Regolament (KE) Nru .../2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar statistiki strutturali kummerċjali (*formulazzjoni mill-ġdid*)

(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament fl-ewwel qari jaqbel ma' l-att leġiżlattiv finali, r-Regolament (KE) Nru .../2007.)
